MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 260/2010

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**vs**
**C T**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Lulju 2000, u f'dan iz-zwieg ma tweldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], [d], [f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll "ghar-ragunijiet ohra kontemplati" tal-Att XXXVI tas-sena 1975; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hi m’ghandiex responsabbilita’ ghan-nullita’;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-8 ta’ Lulju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi sucitati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg huwa null, izda qed tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta’ Lulju 2000 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa tlett snin, huma damu mizzewgin 8 snin.

Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1], stante li l-partijiet eskludew il-prokreazzjoni tat-tfal miz-zwieg taghhom. Dan jidher car u manifest mix-xhieda prodotta, fejn iz-zewg partijiet ikkonfermaw li l-att taz-zwieg kien dejjem isir bi prekawzjoni[1] u dan kien isir kull darba li l-partijiet kellhom relazzjonijiet intimi flimkien. Ghalhekk l-iskop kien dejjem li jevitaw li jkollhom it-tfal, di

[1] Fol. 41,42, 56, 57.

fatti ghalkemm damu mizzewgin 8 snin huma qatt ma kellhom tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet tal-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Lulju 2000.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------